MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru. 159/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

**Michael Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' dina l-Qorti tad-29 ta' Lulju 2011 - migjuba kontra Michael Portelli ta' 27 sena, bin Mario u Maria Dolores nee Grima, imwieled Pieta nhar is-27 ta' April 1983, residenti Entrance A Flat 7, Binja tal-Faqqani, Dawret it-Torri, Santa Lucija, detentur tal-Karta tal-Identita numru 252483(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta' April 2011, gewwa l-Hamrun, kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqaw iz-zghazagh, skond l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar 5 snin, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u specifikata (Diazepam) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
6. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (Diazepam) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom

x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

7. F'kaz ta' htija, l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat talli ksier il-kundizzjonijiet ta' sentenza ta' sentejn habs sospiza ghal tliet snin, moghtija mill-Magt. Dr. S. Demicoli LL.D. w talli kiser il-kondizzjonijiet ta' zewg sentenzi moghtija mill-Magistrati Dr. L. Quintano LL.D. u Dr. A. Micallef Trigona LL.D. rispettivament fejn huwa gie liberat ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Dwar il-fatti saljenti tal-kaz, ma hemmx verament kontestazzjoni bejn il-partijiet, stante li, apparti l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, dawn gew in sostanza ammessi mill-imputat fl-istqarrija tieghu, liema stqarrija

giet ikkonfermata minnu bil-gurament waqt id-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti[1]:

1. Meta gie arrestat fil-5 ta’ April 2011, l-imputat kien ilu madwar 6 snin jabbuza mid-droga eroina u cannabis.
2. Dak iz-zmien l-imputat kien qed jipprova jikkura ruhu, pero peress li d-doza tal-methadone ma kinitx qed izzommu sa fil-ghaxija, fil-ghaxija kien qed jabbuza mid-droga eroina biex ma jaqax *sick*. Id-droga tal-cannabis kien qed jabbuza minnha biex izzommu *“naqra kalm mill-eroina”*.
3. Peress li flus biex jixtri d-droga ma kellux, hu kien jixtri l-pakketti tal-eroina, jiftahhom, u jiehu ftit minnhom ghalih, u jerga’ jbieghhom bl-istess prezz li jkun xtrahom. B’din is-sistema d-droga li jkollu ghalih tkun giet b’xejn.
4. L-imputat ikkalkula li kien ilu jbiegh l-eroina b’dan il-mod ghal madwar 3 xhur qabel l-arrest, li kien ibieh bejn 7 u 10 pakketti eroina tal-€10.00 kuljum, u li kellu madwar 10 sa 12-il persuna li jinqdew minn ghandu.
5. Fil-5 ta’ April 2012 ghal habta tas-2.00p.m.,[2] huwa gie arrestat flimkien ma’ zewg persuni ohra hekk kif hareg minn go karozza li kienet misjuqa minn wiehed minn dawn iz-zewg persuni u li kien ghadu kif ipparkja quddiem skola fil-Hamrun. Skont l-imputat huma kienu gejjin lura mid-Detox Centre, u sabu parking hemmhekk. Mhux kontestat li l-imputat gie arrestat fi jew gewwa distanza ta’ 100 metru mill-perimetru tal-iskola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.[3]
6. Wara tfittxija, il-pulizija sabu fuq il-persuna tal-imputat 6 bicciet tar-raza tal-cannabis u 8 pakketti tal-eroina. Skont l-imputat il-cannabis kien xtraha bil-€5.00 il-bicca u l-pakketti tal-eroina bil-prezz ta’ €10.00 il-pakkett.
7. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert spizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi s-6 bicciet zghar ta’ sustanza kannalla kienu raza tal-pjanta cannabis u l-ammont nett totali kien ta’ 2.62 grammi, f’purita ta’ cirka 4.3%. Huwa ikkonkluda

[1] Ara xhieda tal-imputat a fol. 92 tal-process, seduta tal-21 ta’ Novembru 2011 u l-istqarrija tal-imputat a fol. 15 *et seq.* tal-process.
[2] Ara xhieda ta’ PS 1174 Adrian Sciberras fis-seduta tat-18 ta’ April 2011 a fol. 27 tal-process.
[3] Ara verbal tad-difiza fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 2011 a fol. 79 tal-process.

wkoll li fit-trab ta’ lewn kannella li kien hemm fit-8 qratas tal-karti, f’ammont nett totali ta’ 1.6 grammi. Il-purita medja tal-eroina kienet ta’ cirka 27.2%. Fit-trab kannella nstabet ukoll is-sustanza diazepam (cirka 1.2%).[4] Fix-xhieda tieghu, l-espert spizjar spjega li d-diazepam hija sustanza kontra l-anzjeta u *“li din it-tahlita ta’ diazepam mal-eroina taghmel l-eroina iktar perikoluza fis-sens li persuna jista’ jaqa’ overdose hekk.”*[5]

## Eccezzjoni Preliminari

L-imputazzjonijiet originali relatati mal-abbuz tad-droga meta l-imputat tressaq taht arrest fis-6 ta’ April 2011, kienu jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, u fil-prezentata gie ezebit l-ordni relattiv tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 sabiex il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti. Fis-seduta tad-29 ta’ Lulju 2011, gie verbalizzat hekk: *“L-ufficjal prosekutur spjega lill-Qorti li invista tar-rapport u tax-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud fis-seduta precedenti fejn qal li s-sustanza eroina kienet imhallta mas-sustanza diazepam, liema sustanza hija kontrollata mill-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, kien necessarju li l-Avukat Generali johrog ordni taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex dawn il-proceduri jkunu jistghu jinstemghu minn din il-Qorti u ssir l-addizzjoni necessarja fl-imputazzjonijiet fit-tahrika.”*[6]

Fil-fatt l-ufficjal prosekutur zied zewg imputazzjonijiet ma’ dawk originali, li huma it-traffikar tas-sustanza diazepam u l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv tad-droga diazepam, li llum jinsabu fit-tahrika bhala l-imputazzjonijiet 5 u 6. L-imputazzjoni originarjament numru 5, illum saret l-imputazzjoni numru 7, li tikkoncerna ksur ta’ sentenza sospiza u ksur ta’ kundizzjonijiet imposti b’zewg sentenzi.

Fl-istess seduta l-imputat, debitament assistit, ta ruhu notifikat bit-tahrika tal-imputazzjonijiet kif emendata

---

[4] Ara relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud Dok. MM1 a fol. 55 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud moghtija fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 2011 a fol. 54 tal-process.
[6] Ara fol. 68 tal-process.

seduta stante, u l-ufficjal prosekutur pprezenta l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 31, sabiex l-imputazzjonijiet 5 u 6 jinstemghu minn din il-Qorti.[7]

Sussegwentement, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2011, gie verbalizzat li *"Id-difiza qed tezenta lil din il-Qorti milli terga' tisma' l-provi migbura sa llum f'dawn il-proceduri."*[8]

Fit-trattazzjoni finali, l-avukat difensur tal-imputat – li ghal kull buon fini jigi rilevat li mhux l-istess avukat li kien qed jiddefendi lill-imputat meta sar il-verbal kwotat fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2011 – issottometta preliminarjament illi din il-Qorti tista' issib htija biss tal-imputazzjonijiet 5, 6 u 7 fit-tahrika, u dan billi fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2011 – meta l-proceduri regghu bdew mill-gdid - gie ipprezentat biss l-Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 31 u ma regghax gie ipprezentat l-Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101. Huwa jkompli jissottometti illi ghalkemm id-difiza kienet ezentat lil din il-Qorti milli terga' tisma' ix-xhieda, hadd mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti ma kien rega' ezebixxa l-Ordni taht il-Kapitolu 101, ghaliex dan l-Ordni kien gie ezebit mill-ufficjal prosekutur fil-prezentata. Ghalhekk id-difiza qieghda tissottometti li din il-Qorti ma tistax issib htija ai termini tal-Kapitolu 101.

Bir-rispett kollu lejn l-abbli avukat difensur, il-Qorti ma tistghax taqbel ma' din is-sottomissjoni. Meta tizdied imputazzjoni fit-tahrika originali, ix-xhieda iridu jergghu jinstemghu mill-gdid – sakemm ma jkunx hemm ezenzjoni, kif kien hemm fil-kaz odjern – imma l-atti l-ohra processwali jibqghu fil-process u l-Qorti hija obbligata tiehu konjizzjoni taghhom. Il-fatt li zdiedu zewg imputazzjonijiet godda dwar abbuz tas-sustanza diazepam, u dan kien jinnecessita li tingieb ordni ohra mill-Avukat Generali taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31, ma jimplikax li kellha terga' tingieb ordni ohra tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101, peress li dik l-ordni kienet diga in atti.

[7] Dok. JJB3 a fol. 77 tal-process.
[8] Ara fol. 79 tal-process.

Ghal kull buon fini jigi rilevat illi l-ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 31 hija datata 30 ta' Gunju 2011,[9] u giet pprezentata mill-ufficjal prosekutur fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2011.[10] Dan qed jinghad peress li fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-imputat accenna *"ghall-kwistjoni ta' kif seta qatt l-ordni tal-AG jigi pprezentat nhar id-29 meta l-AG ffirmah nhar it-30."*[11] Jidher li bi zvista l-avukat difensur ma indunax li l-Avukat Generali kien iffirma l-ordni fit-30 ta' Gunju 2011 u mhux ta' Lulju 2011.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**Htija**

**Traffikar tad-Droga Eroina**

Kif inghad iktar il-fuq, l-imputat ammetta fl-istqarrija u fid-deposizzjoni tieghu illu hu kien ilu jittraffika d-droga eroina ghall-ahhar 3 xhur qabel gie arrestat, apparti li dan jirrizulta wkoll mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Ghalkemm fl-istqarrija, l-imputat innega li huwa u shabu kienu ipparkjaw quddiem l-iskola biex hu ibiegh l-pakketti tal-eroina,[12] huwa lanqas jipprova jaghti l-icken gustifikazzjoni ghaliex kien konvenjenti ghalihom li jipparkjaw quddiem l-iskola wara li gew lura mid-Detox Centre, jew ta' fejn kienu sejrin. Hija l-fehma kunsidrata ta' dina l-Qorti, li l-vettura giet ipparkjata f'dan il-lok strategiku, propju ghall-habta tas-2.00pm li kif inhuwa risaput huwa vicin il-hin li l-iskola tispicca, sabiex l-imputat ibiegh ghall-inqas xi whud mit-8 pakketti eroina li kellu fuqu.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

---

[9] Ara Dok. JJB3 a fol. 77 tal-process.
[10] Ara verbal tas-seduta tad-29 ta' Lulju 2011 a fol. 68 tal-process u x-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg moghtija dak in-nhar stess a fol. 70-71 tal-process.
[11] Ara fol. 129 tal-process.
[12] Ara fol. 16 tal-process.

**Traffikar tad-Droga Diazepam**

Ladarba l-imputat ammetta li l-pakketti tad-droga eroina li nstabu fuqu kienu tieghu u li hu kien ilu jbiegh l-eroina ghall-ahhar tlett xhur qabel gie arrestat, fil-fehma tal-Qorti huwa hati wkoll tat-traffikar u tal-pussess aggravat ta' kull sustanza ohra illegali, u cioe d-diazepam, li kienet imhallta maghha. Jigi rilevat, li l-imputat ma ittanta jressaq lanqas l-icken prova li huwa ma kienx jaf li l-eroina li kellu fil-pussess tieghu meta gie arrestat u/jew li kien biegh qabel kienet imhallta bid-diazepam.

Min-naha l-ohra mill-provi jirrizulta li l-imputat kien ilu ibiegh id-droga eroina ghal tlett xhur qabel gie arrestat, u konsegwentement huwa jista' jinstab biss hati tat-traffikar u pussess aggravat tad-droga diazepam fil-5 ta' April 2011 u fit-tlett xhur ta' qabel, u mhux *"matul dawn l-ahhar 5 snin"* kif indikat fit-tahrika.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda issib lill-imputat hati tal-hames u s-sitt imputazzjoni limitatament pero ghal 5 ta' April 2011 u ghat-tlett xhur ta' qabel.

**Pussess Semplici tad-Droga Eroina**

Rigward il-hames imputazzjoni u cioe, il-pussess semplici tad-droga eroina ghal dawn l-ahhar hames snin, din tirrizulta mill-istqarrija u mid-deposizzjoni tal-imputat, fejn jammetti li huwa ilu jabbuza minn din is-sustanza effettivament ghall-inqas ghal dawn l-ahhar sitt snin.

**Pussess Semplici tar-Raza tal-Cannabis**

L-imputat gie akkuzat ukoll li huwa kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-cannabis ghal dawn l-ahhar hames snin. Issa huwa vera li fl-istqarrija u mid-deposizzjoni tieghu, jirrizulta li huwa ilu jabbuza minn din is-sustanza effettivament

ghall-inqas ghal dawn l-ahhar sitt snin. Issa fit-trattazzjoni orali, d-difiza eccepiet in-*ne bis in edem,* stante li b'sentenza tas-6 ta' Marzu 2009, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, huwa kien instab hati ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis.[13]

Issa jekk wiehed jara din is-sentenza, jirrizulta li l-imputat instab hati li kellu dan il-pussess ta' din is-sustanza illegali *"fl-4 ta' Lulju 2006 u tlett xhur qabel"* u ghalhekk din is-sentenza tkopri l-perjodu mill-4 ta' April 2006 sa l-4 ta' Lulju 2006. Fit-tahrika l-imputat gie akkuzat fis-6 ta' April 2011, illi *"matul dawn l-ahhar 5 snin"* kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-cannabis. Ghalhekk, it-tahrika odjerna tkopri l-perjodu mis-6 ta' April 2006 sas-6 ta' April 2011, li huwa effettivament il-perjodu kollu neqsin jumejn tal-perjodu kopert bis-sentenza deciza. Konsegwentement ghall-perjodu bejn s-6 ta' April u l-4 ta' Lulju 2006, hija valida l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*.

Fi kwanunkwe kaz, ma hemmx kontestazzjoni li fil-5 ta' April 2011 huwa nqabad *in flagrante* bi 2.62 grammi raza tal-cannabis fuqu, u jirrizulta mill-istqarrija tieghu konfermata fix-xhieda tieghu illi ghal dawn l-ahhar xhur qabel din id-data, meta kien qed jipprova jikkura ruhu, huwa kien jabbuza minn din is-sustanza, biex kif qal fl-istqarrija tieghu izzommu *"naqra kalm mill-eroina."*[14]

Ghalhekk il-Qorti qed ssibu hati li fil-5 ta' April 2011 u fit-tliet xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-cannabis.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina. Ghall-istess raguni s-sitt imputazzjoni hija assorbita fil-hames

[13] Ara Dok JJB2 a fol. 66 tal-process.
[14] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 16 tal-process.

imputazzjoni, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga diazepam. Il-Qorti tqis ukoll li t-tielet imputazzjoni hija ripetizzjoni tat-tieni imputazzjoni, pero limitatament ghall-perjodu mill-5 ta' April 2011 u fit-tlett xhur ta' qabel, stante li z-zewg imputazzjonijiet jitkellmu dwar pussess ta' eroina.

Rigward is-seba' imputazzjoni, il-ksur tas-sentenza ta' sentejn habs sospizi ghal tliet snin tirrizulta mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' April 2009, ezebita bhala Dok JJB1.[15] Il-ksur tal-libertà kundizzjonali tirrizulta mis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2009 deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, ezebita bhala Dok JJB2.[16] Il-ksur tal-ordni ta' probation ordnata fis-sentenza tas-27 ta' April 2009, ezebita bhala Dok JJB4[17] gie trattat fid-denunzja deciza mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, ezebita bhala Dok GCC1[18] u l-imputat wehel 7 xhur prigunerija, u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan il-ksur tal-ordni tal-probation.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni, li l-imputat ikkopera mal-pulizija, ghalkemm wiehed irid jghid ukoll li l-imputat inqabad *red-handed* bi tmien (8) qratas eroina imhallta bid-diazepam hdejn skola, kif digà ntqal aktar il-fuq.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina penali xejn felici tal-imputat. Fl-2007, huwa gie kkundannat multa ta' hamsin lira (LM50) dwar pussess ta' arma tan-nar minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega, fl-2007 ukoll gie kkundannat multa ta' elf lira (LM1,000) u ammenda ta' erbghin lira (LM40.00) dwar ksur tal-ligijiet tat-traffiku u sewqan bla assikurazzjoni, fl-2008 gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin in konnessjoni ma' reati ta' serq, frodi u falsifikazzjoni, b'sentenza ohra ta' tal-2009 inghata liberta kondizzjonata ghal sena dwar pussess tar-

---

[15] Ara fol. 62 tal-process.
[16] Ara fol. 66 tal-process.
[17] Ara fol. 82 tal-process.
[18] Ara fol. 97 tal-process.

raza cannabis u b'sentenza ohra tal-2009 instab hati ta' serq u tqieghed taht ordni ta' Probation ghal tlett snin. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha fuq id-denunzja kontra l-imputat fuq imsemmija, l-imputat inghata diversi opportunijiet biex imur fit-triq it-tajba, izda sfortunatament ma gharafx juzufruwixxi minn tali opportunitajiet.

L-imputat inqabad *b'inter alia* 8 qratas eroina imhallta bid-diazepam, li l-ammont totali taghhom kien ta' 1.6 gramma. Skond ix-xhieda, mhux kontestata tal-espert spizjar Mario Mifsud, din it-tahlita ta' diazepam mal-eroina taghmel l-eroina iktar perikoluza fis-sens li persuna li juzaha jista' jaqa' overdose.

Mill-istqarrija tieghu, konfermata fid-deposizzjoni tieghu, jirrizulta illi hu kien ilu jbiegh minn 7 sa 10 qratas kuljum ta' din id-droga ghal perjodu ta' 3 xhur, u kellu minn 10 sa 12 il-persuna jinqdew minghandu. Minn semplici kalkolu matematiku, jekk wiehed jiehu medja ta' 8 qratas b'piz ta' 1.6 grammi totali (l-ammont li inqabad biegh) u jimmultiplikah b'90 gurnata, dan ifisser li l-imputat lahaq spacca madwar 144 grammi ta' eroina imhallta bid-diazepam cioe madwar 720 qartas (8 qratas multiplikati b'90 gurnata).

Wiehed irid iqis ukoll li l-imputat inqabad mill-pulizija lest biex jispacca d-droga hdejn skola, fil-hin li fih johorgu minnha t-tfal u ghalhekk ghandha tizdied bi grad.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex jiffinanzja l-problema tad-droga tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibbilment jirvina anke zghazagh ohra.

Huwa vera li jidher li pendenti dawn il-proceduri, li fihom irid jinghad li l-imputat ma talabx il-liberta kondizzjonata, u

ghalhekk kien jinsab detenut il-habs, l-imputat beda jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju ta' droga u jixtieq jaghmel programm ta' riabilitazzjoni fi hdan l-Agenzija Caritas.[19] Fix-xhieda tieghu, huwa qal li ghazel li ma jitlobx il-liberta provizzorja, sabiex meta johrog mill-habs huwa ma jergghax jaqa' fil-vizzju. Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq*

[19] Ara xhieda ta' Jean Cali a fol. 95 tal-process.

*konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939; l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985; u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konijizzjoni tal-ksur tal-ordni ta' probation imsemmi fl-imputazzjoni 7, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih bil-kwalifiki fuq spjegati, u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv <u>biss</u> in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ghoxrin Euro (€120.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Tordna ulterjorment, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn habs sospizi ghal tlett snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-30 ta' April 2009 tigi reza operattiva.

In oltre, peress li jirrizulta li kien hemm ksur fit-termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tal-liberta kondizzjonata ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-6 ta' Marzu 2009, li kienet sabet lill-hati hati ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, il-Qorti qed tikkundanna il-hati ghal tlett (3) xhur prigunerija ohra.

B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tminn (8) snin u tlett (3) xhur prigunerija.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €900.30, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------